**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 758 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Sayfedine Bonavia**

**<u>Illum 26 ta' Settembru, 2023</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Sayfedine Bonavia detenur tal-karta tal-identita Maltija **295103L**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l- 21 ta' Novembru 2021 fil- hinijiet ta' filghodu, f' San Pawl il-Bahar:

1. Bil- hsieb li jikkometti d-delitt ta' ferita gravi wera dan bil-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt li tali delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu, dan ghad dannu ta' Sammy Alwakil, bi ksur tal- ***Arikolu 41(1)(a), 217 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

**2.** Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Sammy Alwakil f' periklu car, ikkagunalhu hsara fil-gisem jew fis-sahha, liema hsara hija ta' natura hafifa u li giet maghmula bi strument li jaqta jew iniggez, bi ksur tal- ***Artikolu 221(2) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

3. Akkuzat ukoll li fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi zamm fil- pusses tieghu, garr il-barra min xi fond jew d'intorni tieghu, sikkina jew strument li jaqta jew bil- ponta ta' liema xorta hija minghajr il- licensja jew permess tal-Kummissarju tal- Pulizija, bi ksur tal- ***Artikolu 6 tal- Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.***

4. U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjamnet kiser il-bon ordni jew il- paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal- ***Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.***

5. Akkuzat ukoll talli fid-data, lok hin u cirkustanzi imsemmija qabel, ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation u dan ai termini tal-***Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta*** deciz nhar it- 13 ta' Gunju 2020 minn Qorti tal- Magistrati (Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-**17 ta' Mejju, 2023**, fejn wara li din il-Qorti.

1. Astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-Artikoli 214, 215, 221(1) u(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 ta' Ottubru 2022, b'referenza ghat-tieni imputazzjoni fic-citazzjoni.

2. Illiberat lill-imputat mir-reati kontemplati fl-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, elenkati fl-istess nota ta' rinviju ghall-gudizzju;

3. Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 216(1)(a)(b)(c)(d) 217 u 338(dd) tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta elenkati fin-nota ta' rinviju ghall- gudizzju

tal-Avukat Generali fuq imsemmija sabu hati tar-reati fihom kontemplati u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ikkundanatu ghall-piena karcerarja ta' sentejn.

4. In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati li kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation tat-13 ta' Gunju 2020 maghmul minn din il-Qorti, diversament preseduta, u trattat mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu tpogga taht tali ordni daqs li gie ddikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini kkonfermat il-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, irrevokat l-ordni ta' probation maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-artikoli 216(b)(c)(f), 263, 267, 270, 279(a)(b), 280(2), 325(1)(a)(b), 41(1)(a) u 37(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kkundanat lill-hati ghal perjodu ulterjuri ta' sittax (16)-il xahar prigunerija effettiva.

B'hekk il-hati ghandu jghamel perjodu globali ta' tlett (3) snin u erba' (4) xhur prigunerija, li minnhom jitnaqsu kull zmien li l-hati ghamel arrestat in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

5. In oltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar (1) minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali. Pero jekk il-hati naqas milli jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc gie dovut minnufih u gie konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

6. Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti harget fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li provdit għas-sigurtà ta' Sammy Alwakil. Din l-Ordni ta' Trażżin intharget għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin giet hawn

imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ffurmat parti integrali ta' din is-sentenza.

7. Il-Qorti ordnat li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Sayfedine Bonavia, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar **is-26 ta' Mejju, 2023**, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha TIBDEL, TIRRIFORMA U TIMMODIFIKA s-sentenza appellata, billi tibdel u tirriforma u timmodifika l-piena li giet inflitta u minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellant Sayfedine Bonavia li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

Illi nhar il-21 ta' Novembru 2021 ghall-habta tat- tlieta ta' fil-ghodu (03:00a.m.), l-Appellant / Imputat irraporta fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra li kien ghadu kif gie aggredit quddiem l-istabbiliment bl-isem "Velvet Lounge" fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar. Huwa qal li kellu argument ma' certu Sammy Alwakil, u li dan Alwakil kien aggredieh b'sikkina ta' madwar tletin centimetru (30cm), kif ukoll tah daqqa ta' ponn fuq wiccu. Huwa ippreciza li x-xafra tas-sikkina ma ntuzatx fuqu, izda kien qala' daqqa bil-manku taghha fuq spalltu n-naha tax-xellug.

Illi aktar tard il-Pulizija ghamlet kuntatt ma' Sammy Alwakil, u qalilhom li wara l-incident li kellu mal-Appellant / Imputat quddiem il- "Velvet Lounge", huwa telaq minn fuq il-post. Izda, meta kien fi Triq il-Kavetta, San Pawl il-Bahar, huwa allega li l-Appellant / Imputat aggredieh habta u sabta b'mus u ipprova jolqtu f'wiccu. Imbaghad l-Appellant / imputat prova jolqtu f'zaqqu u huwa pprova jilqghalu b'idejh tal-lemin. Il-mus dahal fuq in-naha ta' fuq ta' idejh tal-lemin. Meta l-imputat ra d-

demm, hu telaq jigri minn fuq il-post. Sammy Alwakil gie certifikat minn tabib li kellu qatgha ta' circa centimetru f'idejh, li giet deskritta bhala wahda ta' natura hafifa. Apparti din il-ferita, ic-certifikat mediku jghid li kellu xi grif fuq gismu.

Illi l-Appellant / Imputat kien xehed via voce u ta l-verzjoni tieghu u cahad li wara l-incident li kien sehh quddiem il-Velvet Lounge", huwa mar u aggrdixxa lil Sammy Alwakil.

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha stqarret kien hemm seba' verzjonijiet tal-incident de quo. Hija ghazlet il-verzjonijiet li taw Sammy Alwakil u Clara Farrugia bhala iktar kredibbli.

Illi sussegwentement, il-Pulizija, ssoktaw bl-investigazzjonijiet taghhom, li wasslu sabiex l-appellant jigi mressaq il-Qorti bl-imputazzjonijiet citati.

<u>Illi fl-ewwel u l-uniku lok</u>, l-Appellant jaghmel referenza ghal piena ta' sentejn (2) u erba' (4) xhur prigunerija <u>**effettiva**</u> inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti. L-ilment tal-appellant hu rigward li l-piena moghtija bhala piena effettiva li hija wahda eccessiva specjalment li issa lahaq ghamel progress kbir biex jirriforma ruhu u jikber.

Meta giet biex taghti l-piena l-Ewwel Qorti qieset l-età zghira tal-Appellant **izda** ma qiesitx li l-incident de quo kien gie provokat minn Sammy Alwakil meta acceda ghal fuq is-sit fejn jinsab il- "Velvet Lounge" u nbdiet il-glieda mal-Appellant tant li l-Pulizija Ezekuttiva wkoll ressqu akkuzi separati kontra Sammy Alwaki u li sahnsitra mar id-dar u rega' hareg b'sikkina li eventwalment kienet ittehidtlu. Baqa' barra u jammetti li kellu l-hsieb li jerga jiggieled mal-Appellant jekk jiltaqa' mieghu (ara x-xiehda viva voce a fol. 48). L-Appellant umilment jistqarr li dan il-fatt kellu jigi kkunsidrat ukoll.

L-Ewwel Qorti qalet hekk:

*"Fix-xhieda taghha, l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Attard li kienet qed issegwi lill-imputat taht l-ordni ta' probation u sussegwentement issa qed issegwieh taht l-ordni ta' trattament qalet li l-imputat ghandu principalment problema ta' abbuz ta' alkohol pero ghandu wkoll problema ta' abbuz ta' sustanzi illeciti. Huwa irregistra progress kemm ilu l-habs u kien qieghed jikkollabora maghha, kif ukoll mal-care plan co-ordinator u l-psikjatra tieghu, u fil-fatt jiddependi mill-ezitu ta' din il-kawza, kien hemm il-hsieb li l-imputat jaghmel programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga. Jidher li l-imputat huwa motivat li jaghmel dan il-programm."*

L-Ufficjal tal-**Probation Marilyn Attard** xehdet li thejja care plan ta' rijabilitazzjoni ppreparata ghall-Appellant:

> *"Però qegħdin iżommu naqra lura għaliex wieħed għadu ma jafx kif jista' jkun l-eżitu ta' din is-sentenza. Għaliex kieku għas-sajf li ġej, qed ngħidu Ġunju u Lulju, inkunu nistgħu nibdew nippjanaw għall-programm, però ma jagħmilx sens li jitla' għall-programm u __**mbagħad jerġa' jmur lura l-ħabs**__. Allura wieħed irid jistenna, qed nittamaw illi jkollna sentenza biex imbagħad inkunu nistgħu nimxu u nagħmlu pjan aħjar. Il-motivazzjoni hemmhekk qegħda. Programm hemm."*

Izda, minkejja li l-Ufficjal tal-Probation kienet tal-fehma li jekk l-appellant isib ruhu l-habs kien se jitlef il-programm li kellhom ghalih. Jigifieri piena ta' prigunerija effettiva se tkun ta' pregudizzju u detriment ghall-appellant li issa tghallem il-lezzjoni u sar izjed responsabbli u medd idejh ghax-xoghol b'tama li jerga' jintegra ahjar fis-socjetà li ilu nieqes minnha. Fil-fatt, l-Appellant umilment jirreferi ghal dak li qalet l-Ufficjal tal-probation dwaru:

> *"Hu dejjem ikkollabora. Fil-ħabs qed juri wkoll progress, anke l-mod kif jirraġuna, il-mod kif ir-responsabiltà tiegħu, fil- fatt qed jingħata ħafna xogħol ta' responsabiltà ta' manutenzjoni bl- għodda ġol-ħabs, jiġifieri hemm progress notevoli. Anke l-mod kif jirraġuna kif qed jara l-futur tiegħu."*

Minkejja li l-Ufficjal tal-Probation qalet li *"Il-motivazzjoni hemmhekk qegħda. Programm hemm. Just irridu naraw naqra l-affarijiet."*, u fissret il-mod kif wiehed ikun elegibbli ghall-programm, u li huwa interessat li jibda jistudja l-MCAST:

> *"Huwa persuna intelliġenti ħafna. L-opportunitajiet li ngħata l-ħabs ħadhom. Jiġifieri bil-limitazzjonijiet li hemm jiġifieri opportunitajiet li jitgħallelm sengħa tat-tibjid u hekk qed jeħodhom u anke forsi kien hemm xi courses għamilhom. Però jixtieq li eventwalment imur l-MCAST biex jagħmel kors fuq *** business. Il-ħolma ta' Sayfedine hija li jiftaħ business tiegħu."*,

izda, il-Qorti kkonkludiet li:

> *"Mill-assjem tal-provi migbura, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat m'hux kapaci jindirizza l-problema akuta tal-abbuz ta' alcohol u tat-tossikodipendenza <u>tieghu jekk dan ma jaghmlux f'ambjent konfinat tal-habs</u>. <u>Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation jidher li l-imputat wkoll jirrikonoxxi dan il-fatt</u>."*

Bir-rispett kollu, l-appellant li wasal fl-ahhar li jiskonta sentenza huwa elegibbli ghall-programm u jista' jinbeda minnufih. Izda, l-fatt li issa gie kkundannat jiskonta sentejn u erba' xhur ohra effettivi, se jitlef l-opportunità. Kien ikun aktar ta' gid li kieku nghata sentenza sospiza li kienet isservi ta' deterrent ghall-Appellant stante l-progress li lahaq ghamel. L-appellant umilment jistqarr li kapaci jeghleb il-vizji msemmija bil-ghajnuna ta' ommu, u l-esperti tal-care plan / programm barra l-ambjent tal-habs peress li fil-prezent jikkwalifika ghall-imsemmi programm.

Illi jirrizulta li illum il-gurnata l-Appellant irregistra progress kbir, u bl-ghajnuna tal-professjonisti, biddel hajtu ghal ahjar. L-Appellant jirriserva li jipproduci x-xhieda appoziti f'dan ir-rigward sabiex jikkonferma l-istat attwali tieghu.

Tenut kont tal-premess, ghandu jigi kkunsidrat li l-piena qatt m'ghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru. Qed issir riferenza ghas-sentenza ***Il-Pulizija vs Francis Mamo:***

> *Fil-verita l-iskop tal-piena muwhiex wiehed ta 'tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m 'ghandhiex isservi bhala xi forma ta 'vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta 'dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

> *Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil- kaz ta 'persuni li b 'ghemilhom juru li huma ta 'minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta 'reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta ' deterrent generali. Il-Qrati ta 'gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

> *Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta 'liema, skond ic-cirkostanzi ta 'kull kaz, tipprova ssib dak il- bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta 'Jannar, 2013 intqal is-segwenti:

> *Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta '*

*dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta 'persuni li b 'ghemilhom juru li huma ta 'minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta 'reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta 'deterrent generali. Il-Qrati ta 'gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal- piena."*

*Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi l-appellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl- ghajnuna ta ' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta 'servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta 'kumpens, l-appellant/l- appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta 'probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta 'supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

L-appellant jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t 'Ottubru 2019 fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche'</u>** fejn gie kkunsidrat li:

*Peress li dan huwa appell limitat biss ghall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistharreġ jekk il- Qorti tal-Maġistrati setghetx legalment u raġonevolment tasal ghas-sentenza taghha billi tanalizza jekk il- piena*

*inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: ...'that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle.' In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does*

*not, however, cast any doubt on Channell J 's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a)Retributtiv;*

*(b)Preventiv;*

*u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad- dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita ' tagħha.*

*L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biża li s-sanzjoni li tkun tista 'tinghata tohloq f 'mohh is-socjeta, b 'mod li dak li jkun jerġa jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biża li tehel il-piena, persuna tiġi mġeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t 'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv ghalhekk huwa dupliċi : wiehed ta 'natura ġenerali u l-iehor ta 'natura specjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-sahha tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- socjeta tiġi kemm jista ' jkun imrażna milli tikkommetti reati minhabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b 'mod li darb 'ohra jerġa jahsibha sew qabel ma jaghżel li jikser il-Liġi. Jekk is-socjeta titlef din il-biża mill-piena minhabba li l-Liġi penali tibda 'titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġieghel lill- membri tas-socjeta milli jiddeżistu ghax jekk jiddelinkwu minghajr konsegwenza jew b 'konsegwenza żghira, isir konvenjenti ghall- membri fi hdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta 'delinkwenza b 'konsegwenzi nefasti ghall- interessi tal-kollettivita '. Is- socjeta allura tehtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi mehtieġ ghall- eżistenza paċifika taghha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija speċifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta 'trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghas-*

*socjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta 'riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata 'mir-ragunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta 'theddida ghas- socjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F 'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan l- ghan jintlahaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista 'jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b 'mod li ghalhekk ikun jista 'jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imheggeg jizviluppa t-talenti u l- abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu u jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jaghmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawza b 'eghmilu F' 'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva. '*

Jigi rilevat li l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-imposizzjoni tal-piena inflitta, injorat ghal kollox il-principji hawn citati stante li l-esponent m'huwiex ta' minaccja lejn is-socjetà u terapija li ghad ghandu bzonn jista' jibqa' jiehodha sahansitra barra l-habs.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell fis-seduta tal-5 ta' Settembru, 2023.

**Ikkunsidrat.**

Illi dan l-appell tar-rikorrenti Sayfedine Bonavia jitratta biss il-kwistjoni tal-piena imposta mill-ewwel Qorti u mhux il-mertu. Fil-fehma tar-rikorenti il-piena imposta kienet wahda eccessiva fic-cirkotanzi u dan ghaliex fil-fehma tieghu kien irregistra progress kif mistqarr mill-ufficjal tal-probabtion.

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena inflitta hlief jekk din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew jekk tkun sproporzjonata u manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb'**[1]:

> '*Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil- parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**"[2], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**"[3] u ohrajn.)*' (Id-dati tas-sentenzi citati jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'**[4]: il-Qorti kkunsidrat li;

> '*Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*' Madankollu, il-Qorti f'dak il-kaz qieset ic-cirkostanzi partikolari u ddecidiet li '*stante n-novita' tal-kaz in ezami w peress li l- appellant seta' genwinament kellu l-impressjoni li quod bikes ma ghandhomx bzonn licenzja biex ikunu fuq it-triq u li ma ghandhomx*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' April, 2007 (Appell kriminali numru: 78/2007)
[2] Deciza fl-14 ta' Gunju, 1999
[3] Deciza fl-24 ta' April, 2003
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 400/2009)

*bzonn ikollhom kopertura ta' asskurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, din il-Qorti thoss li hemm raguni specjali biex il-periodu tas-sospensjoni w skwalifka tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant jigi imnaqqas*

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat**[5] sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[6], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[7] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[8]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn

[5] -Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)
[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003
[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).
[8] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994). Vide ukoll Il-Pulizija versus Carmelo Ebejer tal-4 ta' Novembru, 2009; Il-Pulizija versus Nikola Farrugia tat-2 t'Ottubru 2002; Il-pulizija versus Maurizio Massimiliano 13 ta' Novembru 2003; Repubblika versus David Vella 14 ta' Ġunju 1999; Ir-Repubblika ta' Malta versus Eleno sive Lino Bezzina tal-24 t'April, 2003.

dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[9], fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Jinghad u dan bla tlaqliq li din il-Qorti hija wahda ta' revisjoni u ghalhekk l-kompitu taghha u sabiex tara jekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kienx wiehed korrett u li l-piena li nghatat hiex wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi. Din il-Qorti imma tbiddilx piena jekk ma hemmx ragunijiet impellanti li jiggustifikaw tibdil li tqajmu quddiem din l-Qorti wara li giet deciza mill-ewwel Qorti jew kienx hemm ragunijiet validi ghal piena iktar mita li l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni taghhom.

In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kinitx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

[9] Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001

**Ikkunsidrat**.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li Sammy Alwakil qala daqqiet ta sikkina fi Triq il-Kavetta, Bugibba ghall-habta tas-2. 00a.m minghand l-appellant. Dawn il-eriti kif deskritti minn Dr Mario Scerri fir-relazzjni tieghu huma deskritti fuq l-aspett laterali tat-tarf t'isfel tad-drigh tal-lemin kienet cikatrici rizultat ta' incizzjoni maghmula minn strument li jaqta. Din ic-cikatrici tidher sew from *walking talking distance*. Tqis ukoll li dawn ir-reati li taghhom instab hati mill-ewwel Qorti ilkoll saru ukoll waqt il-perijodu operttiv ta' probation u dan ai termini tal-artikolu 7tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta deciz nhar it-14 ta' Gunju 2020.

Id-difiza talbet quddiem l-ewwel Qorti sabiex itella bhala xhud lill-ufficjal tal-probabtion Marilyn Attad u dan fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023 u din xehdet fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2023. Ikkonfermat li kienet qed tara lill-appellant meta kien qed isegwi Ordni ta' Probation li kienet inghatat lilu fis-sena 2020. Tul il-perijodu ta' probation sehhew zewg reati, il-kaz odjern u iehor li qed jiskonta sentenza dwaru. Tghid li l-Ordni ta' Probation kienet spiccat ghaliex l-appellant kien instab hati ta' reat waqt il-perijodu operattiv taghha u ghalhekk bdiet issegwih b'Ordni ta' Trattament. Tghid li fiz-zmien meta xehdet l-appellant kien il-habs.

Tghid li ghall-ewwel sakemm stabbilew il-kuntatt kien hemm naqra hiccups izda wara li stabbilew il-kuntatt bdew jimxu. Tghid li kkolobora maghha. Tghid li fil-habs kien qed juri progress notevoli. Tghid li jixtieq jaghmel program ta' rijabilitazzjoni ta' kontra d-droga u anke' nsista fuq dan mal-psikjatra. Kieku ma kellux dawn il-proceduri kienu gja jibdew jippjanaw triq biex jibda program ta' rijabilitazzjoni pero stante li kellu dan l-appell ma kienx jaghmel sens li jippreparawh ghall-programm u jispicca l-habs. Tghid li l-motivazzjoni hemmhekk qeghda.

Qalet li hemm iktar maturita fih minn meta dahla il-habs u jaf xi jrid. Qed jirrikonoxxi li ghandu problema akuta ta' droga u ta' tehid ta' alcohol, liema vizzju kienu ghandu qabel ma dahal il-habs. Tghid li qed jiehu l-kura tal-psikologa gewwa l-habs u anke tal-care plan co-ordinator.

Rat il-fedina penali tieghu esebita fl-atti a fol. 273 *et seq* minn fejn jirrizulta li l-appellant kien gja instab hati ta' diversi reati ohra inter alia ta' diversi serqiet u hsara volontarja.

Il-Qorti esamiant l-konsiderazzjonijiet milquha mill-ewwel Qorti meta giet biex tikkalibra l-piena idoneja. Rat li l-appellant ghandu eta relattivament zghira izda gja kellu diversi kundanna minn dawn il-Qrati nsotrana meta kien ghad ghandu sittax-il sena. Illi huwa nghata Ordni ta' Probation izda din ma tantx swiet ta' gid ghall-appellant ghaliex mhux biss ikkommetta r-reati li taghhom instab hati fis-sentenza tal-ewwel Qorti  izda biss xahar wara li nghata l-helsien mill-arrest minn l-ewwel Qorti huwa kkometta reati ohra ta' serq kkwalifikat, danni volontarji u ghamel resistenza kontra ufficjali pubblici li taghhom instab hati fuq ammissjoni tieghu stess u  dak iz-zmien tas-sentenza kien qed jiskonta setenza ta' tletin xahar prigunerija u tqieghed taht Ordni ta' Trattament.

L-ewwel Qorti qieset ukoll ix-xhieda moghtija mill-ufficjal tal-probabtion fejn din ikkonfermat li kellu probelma ta' abbuz ta' alcohol u ta' uzu ta' sustanzi illeciti.  Li dan irregistra progress kemm kien ilu l-habs u kien qieghed jikkolobora maghha u mal-psikologa u care plan co-ordinator izda ma setax jibda programm ghaliex kellu din l-istess kawza pendent.

L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-appellant ma hux kapaci jindirizza il-problema akuta tieghu ta' abbuz ta' droga u xorb salv jekk ma jkunx f'post ta' ambjent konfinat.

Din il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Joseph Zahra**[10] **fejn inghad li:-**

> *kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna ghandha, bhala regola, iggib maghha piena restrittiva tal-liberta` tal-persuna b'effett immedjat. Socjeta` civili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, ghax taqbizlu c-cinga, jew ghax jidhirlu li ghandu lment kontra haddiehor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt gustifikat) jahbat ihebb jew isawwat lil dak il-haddiehor. F'dan il-kaz din il-Qorti ma tarax alternattiva ghal piena karcerarja.*

Ghaldaqstant jirrizulta ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-fatturi kollha msemmija mill-appellant fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti gew kkunsidrati mill-ewwel Qorti kif fuq spjegat u ghalhekk stante li quddiem din l-Onorabbl Qorti ma ngabet l-ebda prova jew cirkostanza gdida ghaliex din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mid-

[10] Deciza nahr id-9 ta Settembru , 2002 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

decisjoni tal-ewwel Qorti tiddikjara li qed tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**